MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2008

Numru 189/2008

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

David Chaves Perea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ Spanjola numru 45105216 – P akkuzat talli:

1. F’dawn il-gzejjer fis-16 t’Awissu, 2008 importa jew gab f’Malta r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* u dan bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali fuq l-iskorta tal-Artikolu 22 sub-artikolu 2 tal-Kap 101 biex l-imputat jigi processat quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssib l-imputat hati. Rat l-Artikolu 7 u 22 tal-Kap 101 u stante li jirrizulta li d-droga kienet ghall-uzu personali izda giet impurtata f'Malta mill-imputat tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghall-sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Filwaqt li l-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------